32007R0054

25.1.2007 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 18/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 54/2007

tat-22 ta' Jannar 2007

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Mill-1 ta' Jannar 2007, l-Unjoni Ewropea se tinkludi żewġ Stati Membri ġodda, ir-Rumanija u l-Bulgarija. L-Artikolu 6(7) ta' l-Att ta' Adeżjoni jipprevedi li r-restrizzjonijiet kwantitattivi applikati mill-Komunità fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tessili u tal-ħwejjeġ għandhom jiġu aġġustati biex iqisu l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda tal-Komunità. Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi applikabbli fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tessili minn pajjiżi terzi fil-Komunità mkabbra għandhom b'konsegwenza jiġu aġġustati sabiex ikopru l-importazzjonijiet fiż-żewġ Stati Membri l-ġodda. Dan jeħtieġ emendi fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi [1].

(2) Sabiex it-tkabbir tal-Komunità ma jkollux effetti ristrettivi fuq il-kummerċ, meħtieġ, meta jiġu emendati l-kwantitajiet, li tintuża metodoloġija li tikkunsidra, għall-finijiet ta' l-aġġustament tal-livelli tal-kwoti l-ġodda, l-importazzjonijiet tradizzjonali fl-Istati Membri l-ġodda. Formula li tikkonsisti fil-medja ta' l-importazzjoni ta' l-aħħar tliet snin fiż-żewġ Stati Membri l-ġodda li toriġina f'pajjiżi terzi, tipprovdi kejl adegwat ta' dawn il-flussi storiċi. Is-snin 2003 sa l-2005 ntgħażlu bħala dawk l-iżjed sinifikanti, peress li jirrappreżentaw l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli dwar l-importazzjonijiet ta' tessuti u ħwejjeġ fis-żewġ Stati Membri l-ġodda.

(3) Għalhekk, l-Annessi V u VII tar-Regolament (KEE) Nru 3030/93 għandhom jiġu emendati biex jelenkaw il-livelli ta' kwoti applikabbli mid-data tat-tkabbir, jiġifieri l-1 ta' Jannar 2007.

(4) Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament (KEE) Nru 3030/93 għandhom jiġu adattati sabiex japplikaw fl-Istati Membri l-ġodda. Konsegwentement, l-inizjali ta' l-Istati Membri l-ġodda għandhom jiddaħħlu fl-Anness III.

(5) Ir-Regolament (KEE) Nru 3030/93 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 3030/93 huwa emendat kif ġej:

1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 9 jinbidel b'dan li ġej:

"9. Ir-rilaxx għall-moviment liberu f'wieħed mill-Istati Membri l-ġodda li qed jaderixxi fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007, jiġifieri r-Rumanija u l-Bulgarija, ta' prodotti tessili li huma soġġetti għal limitazzjonijiet kwantitattivi jew għal sorveljanza fil-Komunità u li kienu trasportati qabel l-1 ta' Jannar 2007 u li jidħlu fiż-2 Stati Membri l-ġodda fl-1 ta' Jannar 2007 jew wara għandhom jiġu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni. Awtorizzazzjoni ta' importazzjoni bħal din għandha tingħata awtomatikament u mingħajr limitazzjoni kwantitattiva mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati, flimkien ma' provi xierqa, bħal per eżempju polza ta' tagħbija, li l-prodotti ġew trasportati qabel l-1 ta' Jannar 2007.

Liċenzji ta' din ix-xorta għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni."

[1] ĠU L 275, 8.11.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 35/2006 (ĠU L 7, 12.1.2006, p. 8).

2) Fl-Artikolu 5, it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Ir-rilaxx għal moviment liberu ta' prodotti tessili mibgħuta minn wieħed mill-Istati Membri l-ġodda li qed jaderixxu ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007 lejn destinazzjoni 'l barra mill-Komunità għall-ipproċessar qabel l-1 ta' Jannar 2007, u importati mill-ġdid fl-istess Stat Membru f'din id-data jew wara, permezz ta' prova adegwata, bħalma hi dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, ma għandhomx jiġu soġġetti għal limiti kwantitattivi jew għal rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni ta' importazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat għandhom jipprovdu informazzjoni dwar dawn l-importazzjonijiet lill-Kummissjoni."

3) Fl-Anness III, it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 28(6) jinbidel b'dan li ġej:

"— żewġ ittri jidentifikaw l-Istat Membru intenzjonat għad-destinazzjoni, jew grupp ta' tali Stati Membri, kif ġej:

AT = L-Awstrija
BG = Il-Bulgarija
BL = Il-Benelux
ĊY = Ċipru
ĊZ = Ir-Repubblika Ċeka
DE = Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja
DK = Id-Danimarka
EE = L-Estonja
GR = Il-Greċja
ES = Spanja
FI = Il-Finlandja
FR = Franza
GB = Ir-Renju Unit
HU = L-Ungerija
IE = L-Irlanda
IT = L-Italja
LT = Il-Litwanja
LV = Il-Latvja
MT = Malta
PL = Il-Polonja
PT = Il-Portugall
RO = Ir-Rumanija
SE = L-Iżvezja
SI = Is-Slovenja
SK = Is-Slovakkja"

4) L-Anness V jinbidel bit-test li jidher fil-Parti A ta' l-Anness ta' dan ir-Regolament.

5) Fl-Anness VII, it-tabella tinbidel bit-tabella li tidher fil-Parti B ta' l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Jannar 2007.

Għall-Kunsill
Il-President
F.-W. STEINMEIER

ANNESS

PARTI A

L-Anness V huwa mibdul b'dan li ġej:

"ANNESS V

LIMITI KWANTITATTIVI KOMUNITARJI

Applikabbli għas-sena 2007

(Id-deskrizzjoni shiha tal-merkanzija qed tintwera fl-Anness I)			Limiti kwantitattivi Komunitarji
Pajjiż terz	Kategorija	Unità	2007
IL-BELARUS	GRUPP IA		
	1	Tunnellati	1 586
	2	Tunnellati	6 643
	3	Tunnellati	242
	GRUPP IB		
	4	1 000 unità	1 839
	5	1 000 unità	1 105
	6	1 000 unità	1 705
	7	1 000 unità	1 377
	8	1 000 unità	1 160
	GRUPP IIA		
	9	Tunnellati	363
	20	Tunnellati	329
	22	Tunnellati	524
	23	Tunnellati	255
	39	Tunnellati	241
	GRUPP IIB		
	12	1 000 par	5 959
	13	1 000 unità	2 651
	15	1 000 unità	1 726
	16	1 000 unità	186
	21	1 000 unità	930
	24	1 000 unità	844
	26/27	1 000 unità	1 117
	29	1 000 unità	468
	73	1 000 unità	329
	83	Tunnellati	184
	GRUPP IIIA		
	33	Tunnellati	387
	36	Tunnellati	1 312
	37	Tunnellati	463
	50	Tunnellati	207
	GRUPP IIIB		
	67	Tunnellati	359
	74	1 000 unità	377
	90	Tunnellati	208
	GRUPP IV		
	115	Tunnellati	268
	117	Tunnellati	2 312
	118	Tunnellati	471

(Id-deskrizzjoni sħiħa tal-merkanzija qed tintwera fl-Anness I)			Limiti kwantitattivi Komunitarji
Pajjiż terz	Kategorija	Unità	2007
IĊ-ĊINA	GRUPP IA		
	2 (inkluż 2a)	Tunnellati	70 636
	GRUPP IB		
	4 (1)	1 000 unità	595 624
	5	1 000 unità	220 054
	6	1 000 unità	388 528
	7	1 000 unità	90 829
	GRUPP IIA		
	20	Tunnellati	18 518
	39	Tunnellati	14 862
	GRUPP IIB		
	26	1 000 unità	29 736
	31	1 000 unità	250 209
	GRUPP IV		
	115	Tunnellati	5 347

(1) Ara l-Appendiċi A.

Appendiċi A ta' l-Anness V

Kategorija	Pajjiż terz	Kummenti
4	Iċ-Ċina	Għall-iskopijiet ta' tpaċċija ta' esportazzjonijiet mal-livelli li dwarhom sar qbil, rata ta' konverżjoni ta' ħames biċċiet ta' ħwejjeġ (minbarra ħwejjeġ tat-trabi) ta' daqs kummerċjali massimu ta' 130 ċm għal tliet biċċiet ħwejjeġ li d-daqs kummerċjali tagħhom jaqbeż il-130 ċm tista' tiġi applikata għal mhux aktar minn 5 % tal-livelli li dwarhom sar qbil. Il-liċenzja ta' esportazzjoni li tikkonċerna dawn il-prodotti għandu jkollha, fil-kaxxa 9, il-kliem 'Ir-rata ta' konverżjoni għall-ħwejjeġ ta' daqs kummerċjali ta' mhux aktar minn 130 ċm għandha tiġi applikata'"

PARTI B

Fl-Anness VII, it-tabella tinbidel b'dan li ġej:

"Tabella

LIMITI KWANTITATTIVI KOMUNITARJIGĦAL MERKANZIJA IMPORTATA MILL-ĠDID SKOND IL-PROĊEDURI TA' L-IPPROĊESSAR PASSIV

(Id-deskrizzjoni shiha tal-merkanzija qed tintwera fl-Anness I)			Limiti kwantitattivi Komunitarji
Pajjiż terz	Kategorija	Unità	2007
IL-BELARUS	GRUPP IB		
	4	1 000 unità	5 796
	5	1 000 unità	8 079
	6	1 000 unità	10 775
	7	1 000 unità	8 088
	8	1 000 unità	2 754
	GRUPP IIB		
	12	1 000 par	5 445
	13	1 000 unità	853
	15	1 000 unità	4 723
	16	1 000 unità	962
	21	1 000 unità	3 142
	24	1 000 unità	809
	26/27	1 000 unità	3 938
	29	1 000 unità	1 596
	73	1 000 unità	6 119
	83	Tunnellati	813
	GRUPP IIIB		
	74	1 000 unità	1 067
IĊ-ĊINA	GRUPP IB		
	4	1 000 unità	450
	5	1 000 unità	977
	6	1 000 unità	3 589
	7	1 000 unità	970
	GRUPP IIB		
	26	1 000 unità	1 707
	31	1 000 unità	13 681"